

Brussell, 10 ta' April 2025
(OR. en)

7955/25

TELECOM 112
COMPET 252
CYBER 95

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 165 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 165 final.

Mehmuż: COM(2025) 165 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.4.2025
COM(2025) 165 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA

Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA

L-Unjoni Ewropea hija impenjata u determinata li ssir mexxejja globali fl-Intelliġenza Artifiċjali, **kontinent ewlieni tal-IA**. Din il-Komunikazzjoni tiddekrivi sett ta' azzjonijiet kuraġġużi biex jintlaħaq dak l-għan. L-IA għadha kif bdiet tiġi adottata fis-setturi ewlenin tal-ekonomija tagħna, u għenet biex jiġu indirizzati wħud mill-aktar sfidi urġenti ta' żminijietna. Filwaqt li l-impatt sħiħ ta' din il-bidla trasformattiva għadu qed jiżviluppa, l-Ewropa trid tagħxi b'ambizzjoni, b'veloċità u bi prospettiva biex isawwar il-futur tal-IA b'mod li jtejjeb il-kompetittività tagħna, jissalvagwardja u javvanza l-valuri demokratiċi tagħna u jipproteġi d-diversità kulturali tagħna. IA affidabbli u ċċentrata fuq il-bniedem hija kemm kruċjali għat-tkabbir ekonomiku kif ukoll kruċjali għall-preservazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali li jirfdu s-soċjetajiet tagħna. Azzjoni politika rapida hija tal-ogħla prijorità.

It-tellieqa globali għat-tmexxija fl-IA għadha 'l bogħod milli tispiċċa. L-iskoperti jkomplu jiddefinixxu mill-ġdid il-limiti ta' dak li huwa possibbli. Minn mudelli bażi mill-aktar avvanzati għal applikazzjonijiet speċjalizzati tal-IA, ix-xenarju tal-IA fl-UE għadu dinamiku, xprunat mir-riċerka, mit-teknoloġiji emerġenti, u minn ekosistema b'saħħitha ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu.

Il-kisba tal-ambizzjonijiet tagħna fl-IA se tirrikjedi tmexxija kemm fl-iżvilupp kif ukoll fl-użu tal-IA. Dan jinvolve **investment sostnut fl-infrastruttura** (inklużi l-qawwa komputazzjonali u n-networks), flimkien ma' avvanzi fl-iżvilupp tal-mudell, u adożzjoni wiesgħa fl-ekonomija kollha. Huwa biss billi naħdmu flimkien fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali li se nirmexxu f'dan l-isforz. Kemm is-settur privat kif ukoll dak pubbliku għandhom rwol x'jaqdu. In-negozji jridu jżidu l-investimenti tagħhom u jħaddnu l-IA fl-oqsma tagħhom, filwaqt li s-settur pubbliku jrid isaħħaħ il-kapaċitajiet tiegħu. L-akkwist pubbliku għandu jippromwovi l-preferenza Ewropea għas-setturi u t-teknoloġiji kritiċi, kif propost fil-Boxxla għall-Kompetittività¹.

L-UE trid iżżomm **l-approċċ distintiv tagħha stess għall-IA** billi tikkapitalizza fuq il-punti b'saħħithom tagħha u fuq dak li tagħmel l-aħjar. Dan jinkludi: l-ewwel nett, suq uniku kbir b'sett uniku wieħed ta' regoli tas-sikurezza madwar l-UE, inkluż l-Att dwar l-IA adottat reċentement, li jiżgura li l-IA tkun affidabbli u allinjata mal-valuri tal-UE; it-tieni, li jsir l-aħjar użu mir-riċerka ta' kwalità għolja tagħha, u x-xjenza, riżerva sostanzjali ta' xjenzati u professjonisti b'ħiliet għolja; it-tielet, xena b'saħħitha ta' negozji ġodda u dawki li qed jespandu, għarfien espert industrijali u għarfien espert: u, fl-aħħar iżda mhux l-inqas, pedament solidu f'potenza komputazzjonali ta' klassi dinjija bi spazji tad-data aċċessibbli għal kulħadd.

Tabilħaqq, il-marka Ewropea tal-**innovazzjoni miftuħa** qed turi riżultati. Il-qawwa komputazzjonali fl-UE hija aċċessibbli għall-pubbliku permezz tan-network Ewropew ta' supercomputers mill-aktar avvanzati varati mill-**Impriża Konġunta għall-Computing ta'**

¹ COM(2025) 30 final

Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC, European High-Performance Computing Joint Undertaking²). In-network jipprovdil lill-innovaturi tal-IA u lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka b'ambjent miftuħ biex jaċċessaw ir-riżorsi tal-computing biex iħarrġu u jiffinalizzaw il-mudelli, filwaqt li jorbtu ma' spazji tad-data ta' kwalità għolja u jippermettu parteċipazzjoni wiesgħa fl-iżvilupp ta' mudelli mill-aktar avvanzati. L-iżvilupp tal-mudell tal-IA fl-UE jibbenefika minn avvanzi fl-approċċi b'sors miftuħ. Huwa jħeġġeġ il-kondiviżjoni tal-għarfien, jippermetti l-kollaborazzjoni, jiffaċilita l-integrazzjoni f'applikazzjonijiet speċifiċi u jżid it-trasparenza.

F'dan il-kuntest, mhijiex sorpriża li x-xena tan-negozji ġodda u dawk li qed jespandu tal-IA tal-UE qed tikber. Dan huwa rifless fiż-żieda fl-investimenti u fl-għadd dejjem jikber ta' unicorns f'dan il-qasam f'dawn l-aħħar snin. L-UE tospita aktar minn 6 800 negozju ġdid tal-IA³. Din il-komunità vibranti ta' negozji ġodda u innovaturi innovattivi tal-IA qed tavvanza l-fruntiera tal-mudelli tal-IA kif ukoll qed tapplikahom għal applikazzjonijiet speċifiċi għall-industrija. Iżda għad fadal xi jsir. Jeħtieġ li l-UE tiżgura li n-negozji ġodda, l-industrija, is-settur pubbliku u x-xjenzati tagħha b'mod ġenerali jkollhom dak li jeħtieġu biex jisfruttaw il-prospetti tal-IA. Dan jinkludi l-iżgurar ta' ktajjen tal-valur siguri, ir-reżiljenza tagħhom u dik tas-Suq Uniku tal-UE, li huwa ta' importanza partikolari għall-kompetittività tal-UE u l-innovazzjoni futura tagħha fil-kuntest ġeopolitiku attwali.

Biex l-UE ssir Kontinent tal-IA, **l-isforzi jridu jaċċelleraw u jintensifikaw f'ħames oqsma ewlenin:**

L-ewwel nett, l-infrastruttura tal-computing: L-infrastruttura pubblika tal-IA tal-UE jeħtieġ li tespandi sabiex l-innovaturi u r-riċerkaturi jkun jistgħu jħarrġu u jiffinalizzaw il-mudelli fil-fruntieri tal-IA. Dan jinkludi kemm it-tisħiħ tan-**network tal-Fabbriki tal-IA** – li qed jitnedew biex joffru kapaċità akbar tal-computing għall-IA u servizzi relatati – kif ukoll l-istabbiliment ta' **Gigafactories effiċjenti fir-riżorsi**, li jintegraw qawwa komputazzjonali massiva fiċ-ċentri tad-data. L-ispirazzjoni għal dawn il-gigafactories ġejja mill-ambizzjoni sottostanti tas-CERN; dawn il-Gigafactories se jrawmu kollaborazzjoni xjentifika madwar infrastrutturi b'saħħithom u uniċi, li jlaqqgħu flimkien riċerkaturi, intraprendituri u investituri biex jindirizzaw proġetti ambizzjużi u li jħarsu 'l quddiem – “moonshots” – f'oqsma bħall-kura tas-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-industrija, ir-robotika u l-iskoperta xjentifika. F'dan l-ispirtu, il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-IA (Riżorsa għax-Xjenza tal-IA fl-Ewropa – RAISE) jista' jiġbor flimkien ir-riżorsi għax-xjenzati tal-IA u għax-xjenzati tad-dominji li japplikaw l-IA madwar l-UE. Fl-istess ħin, l-investiment tas-settur privat fil-kapaċità tal-cloud u fiċ-ċentri tad-data sostenibbli jrid jiġi ffaċilitat u estiż.

² L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC) tnediet fl-2018 u ġiet kofinanzjata mill-UE, mill-Istati Membri u minn atturi privati. Eżempji notevoli ta' supercomputers tal-EuroHPC jinkludu LUMI (ikklassifikat #8 globalment), Leonardo (#9), u MareNostrum 5 (#11), li kollettivament isaħħu l-kapaċitajiet komputazzjonali tal-Ewropa. Il-kuntratt ta' akkwist għall-ewwel supercomputer fuq skala eka tal-EuroHPC JUPITER ġie ffirmat.

³ <https://www.appliedai-institute.de/en/hub/2024-generative-ai-study>

It-tieni, jeħtieġ li nieħdu azzjoni ulterjuri biex niżguraw aktar aċċess għal **data ta' kwalità għolja** għall-innovaturi tal-IA. B'dan l-oġjettiv, l-UE se taħdem lejn strateġija ddedikata tal-Unjoni tad-Data u, fost miżuri oħra, se tesplora l-iżvilupp tal-Laboratorji tad-Data bħala komponenti integrali tal-Fabbriki tal-IA, biex tippermetti l-forniment, il-ġbir, u l-kondiviżjoni sigura ta' data ta' kwalità għolja.


It-tielet, jeħtieġ li nistimulaw **l-iżvilupp ulterjuri tal-algoritmi tal-IA u nisfruttaw l-adozzjoni tagħhom fis-setturi strateġiċi tal-UE**. L-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA li jmiss se tnedi azzjonijiet konkreti biex tagħti spinta lill-użi industrijali u xjentifiċi ġodda tal-IA u ttejjeb is-servizzi pubbliċi. Iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali se jiffokaw mill-ġdid sabiex jappoġġjaw l-adozzjoni tal-IA mill-SMEs, mill-mid-caps u mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, u aktar avvanzi teknoloġiċi f'setturi strateġiċi se jiġu appoġġjati minn programmi ta' finanzjament Ewropej matul it-tliet snin li ġejjin.

Ir-raba', **il-bażi b'saħħitha tat-talent tal-IA** tal-UE hija assi ewlieni. Jeħtieġ li nsaħħu l-ħiliet tal-IA, inkluż il-litteriżmu bażiku tal-IA u t-talent varjat, fl-UE kollha billi nagħlqu l-lakuni eżistenti, billi nkomplu niżviluppaw l-eċċellenza fl-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka dwar l-IA, billi nattiraw aktar nisa lejn l-IA, billi nqajmu kuxjenza dwar l-IA fost is-soċjetà usa' u l-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll billi nattiraw u nżommu t-talent tal-IA minn barra l-UE. Bħala mexxejja globali fir-riċerka xjentifika ħielsa, l-UE hija destinazzjoni attraenti u trid tibqa' miftuħa għat-talent globali.

Il-ħames, is-suq uniku kbir tal-UE huwa assi sinifikanti, b'sett wieħed ta' regoli ċari, inkluż l-Att dwar l-IA, li jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq u jsaħħaħ il-fiduċja u s-sigurtà fl-użu tat-teknoloġiji tal-IA. Madankollu, hemm il-ħtieġa li **tiġi ffaċilitata l-konformità mal-Att** dwar l-IA, b'mod partikolari għal innovaturi iżgħar.

Dawn huma l-pilastri meħtieġa biex l-Ewropa ssir il-Kontinent tal-IA. Il-President tal-Kummissjoni stabbiliet din il-viżjoni fis-Summit ta' Azzjoni dwar l-IA f'Parigi⁴ fi Frar 2025 meta ħabbret **InvestAI**, inizjattiva biex jiġu mobilizzati EUR 200 biljun għall-investment fl-IA f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tal-Boxxla għall-Kompetittività.

⁴ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/speech_25_471



1. Il-bini ta' infrastrutturi tad-data u tal-computing tal-IA fuq skala kbira madwar l-Ewropa għall-ekosistema tal-IA

L-infrastruttura – b'mod partikolari l-qawwa komputazzjonali – hija fundamentali għall-iżvilupp tal-mudell tal-IA **matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-IA**. Mit-*taħriġ*, meta l-mudell jitgħallem minn ammonti kbar ta' data u jirrikjedi riżorsi komputazzjonali massivi, li spiss jiddependu fuq proċessuri tal-IA avvanzati ta' prestazzjoni għolja; l-*irfinar*, meta jiġi ottimizzat għal applikazzjonijiet speċifiċi; l-*ittestjar*, meta, ladarba l-mudell jitħarreġ u jiġi vvalidat, jiġi ttestjat biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tiegħu; għall-*inferenza u l-varar*, meta l-output tal-mudell jiġi integrat f'applikazzjonijiet tad-dinja reali. Id-disponibbiltà ta' riżorsi tal-computing b'saħħithom hija element importanti biex jiġi attirat talent akkademiku, tekniku u industrijali u hija essenzjali għat-tisħiħ tal-ekosistema tal-IA. Għalhekk huwa vitali li l-UE u l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiżguraw provvista adegwata ta' qawwa komputazzjonali madwar il-kontinent tal-IA, inkluż ukoll f'kooperazzjoni mal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE.

1.1 Il-varar u l-iskalar tal-Fabbriki tal-IA

Dan l-aħħar, l-UE kienet qed issaħħaħ in-network EuroHPC tas-supercomputers permezz tal-**inizjattiva tal-Fabbriki tal-IA**, kif imħabbar fil-**Pakkett dwar l-Innovazzjoni tal-IA tal-2024**⁵. Il-Fabbriki tal-IA huma ekosistemi dinamiċi li jrawmu l-innovazzjoni, il-kollaborazzjoni u l-iżvilupp fil-qasam tal-IA. Dawn jintegraw supercomputers ottimizzati bl-IA, riżorsi kbar tad-data, faċilitajiet ta' programmazzjoni u taħriġ, u kapital uman biex jinħolqu mudelli u applikazzjonijiet avvanzati tal-IA. Billi jgħaqqdu ċ-ċentri tas-supercomputing, l-universitajiet, in-negozji ġodda, l-industrija, is-settur pubbliku u l-partijiet ikkonċernati finanzjarji, il-Fabbriki tal-IA se jtejbju l-kollaborazzjoni fl-IA madwar l-Ewropa. Dawn se

⁵ [Pakkett dwar l-Innovazzjoni fl-IA](#)

jixprunaw l-avvanzi fl-applikazzjonijiet tal-IA f'diversi oqsma. Barra minn hekk, il-Fabbriki tal-IA se jtejbu l-aċċess għal data ta' kwalità għolja billi jorbtu ma' repożitorji nazzjonali kbar tad-data, Spazji tad-Data tal-UE, u laboratorji tad-data ddedikati (ara t-taqsim 2).

L-inizjattiva tal-Fabbriki tal-IA kienet **suċċess** enormi, **u wriet l-impenn u l-appoġġ b'saħħithom tal-Istati Membri**. Wara l-ewwel skadenza tas-sejħa tal-Fabbriki tal-IA fl-1 ta' Novembru 2024, intgħażlu seba' konsorzji – li jkopru 15-il Stat Membru⁶ u żewġ Stati Parteċipanti assoċjati tal-EuroHPC⁷ – biex jospitaw l-ewwel Fabbriki tal-IA. Bi tkomplja fuq din ir-rankatura, f'Marzu 2025 intgħażlu sitt Fabbriki tal-IA addizzjonali⁸. B'total ta' 13-il Fabbrika tal-IA f'17-il Stat Membru u żewġ Stati Parteċipanti fl-EuroHPC, l-investimenti ġenerali fl-infrastrutturi tas-supercomputing u fil-Fabbriki tal-IA fl-UE se jilhqqu EUR 10 biljun matul il-perjodu 2021-2027. F'dan il-kuntest, **disa' supercomputers ottimizzati tal-IA ġodda se jiġu akkwistati u varati madwar l-UE 2025/26, u supercomputer eżistenti se jiġi aġġornat b'kapaċitajiet tal-IA**⁹. Dan se jkabbar b'aktar mit-triplu il-kapaċità attwali tal-computing tal-IA tal-EuroHPC.

Il-Fabbriki tal-IA jgħibu punti b'saħħithom uniċi u oqsma ta' fokus speċjalizzati, u għandhom rwol ċentrali fl-avvanz tal-applikazzjonijiet tal-IA fis-setturi strateġiċi kollha kif ġej:

Key Sectors	AT	BG	DE	EL	ES	FI	FR	IT	LU	PL	SE	SI
Health & Life Sciences	●		●	●	●	●	●	●		●	●	●
Technology & Digital		●		●	●	●	●	●	●	●	●	●
Environment & Sustainability		●	●	●	●		●	●	●	●	●	●
Education & Culture	●	●	●	●	●		●	●			●	●
Manufacturing & Engineering	●	●	●			●	●				●	●
Finance & Business	●		●		●		●	●	●		●	
Agriculture & Food	●				●		●	●			●	●
Cybersecurity & Dual use							●	●	●			
Space & Aerospace		●					●		●	●		
Public Sector	●		●		●					●		

Sommarju tat-13-il Fabbrika tal-IA tal-EuroHPC magħżula huwa inkluż fl-Anness I.

L-interess u l-fiduċja mill-Istati Membri qed ikomplu jikbru, b'aktar pajjiżi li jindikaw ir-rieda tagħhom li jipparteċipaw fit-tielet sejħa li għaddejjja fil-Q2 tal-2025, li tissottolinja s-suċċess tal-inizjattiva u l-importanza strateġika tagħha għall-futur tal-IA tal-Ewropa.

Barra minn hekk, l-Istati Parteċipanti jistgħu jstabbilixxu **Antenni tal-Fabbrika tal-IA** biex jappoġġjaw servizzi għall-ekosistema nazzjonali tal-IA/HPC tagħhom mingħajr il-ħtieġa ta' infrastruttura ddedikata għas-supercomputer. L-Antenni tal-Fabbrika tal-IA se jipprovdu

⁶https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_24_6302

⁷Stati Membri mhux tal-UE li jipparteċipaw fl-Impriża Konġunta EuroHPC, jiġifieri l-Iżlanda, Iżrael, il-Montenegro, il-Maçedonja ta' Fuq, in-Norveġja, is-Serbja, it-Turkija, ir-Renju Unit u dalwaqt l-Iżvizzera: [Discover EuroHPC JU - EuroHPC JU](#)

⁸ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/news/second-wave-ai-factories-set-drive-eu-wide-innovation#:~:text=This%20follows%20the%20first%20selection,of%20around%20%E2%82%AC485%20million.>

⁹ Ara d-dettalji fl-Anness I.

aċċess remot għar-riżorsi tas-supercomputing ottimizzati mill-IA tal-Fabbrika tal-IA konnessa li tinsab fi Stat Membru ieħor.

Sa tmiem l-2025, il-Fabbriki tal-IA u l-Antenni tal-Fabbriki tal-IA magħżula kollha se jkunu kompletament operattivi, konnessi flimkien, u konnessi ma' inizjattivi ewlenin oħra ta' appoġġ għall-IA, bħall-faċilitajiet tal-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni għall-IA¹⁰, li joffru riżorsi ddedikati għall-ittestjar ta' soluzzjonijiet tal-IA, u n-network ta' Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali.

L-Impriża Konġunta EuroHPC se sservi bħala l-punt ta' dħul uniku għall-utenti madwar l-UE, filwaqt li tipprova aċċess għall-ħin tal-computing u s-servizzi ta' appoġġ offruti minn kwalunkwe Fabbrica tal-IA tal-EuroHPC. Il-Fabbriki tal-IA huma miftuħa għall-utenti Ewropej¹¹ minn diversi setturi, inklużi l-industrija, ir-riċerka, l-akkademja, u l-awtoritajiet pubbliċi. **Modi ġodda ta' aċċess imfassla apposta se jagħtu prijorità lill-innovaturi tal-IA – negozji ġodda, negozji li qed jespandu, SMEs – u proġetti ta' riċerka magħżula ffinanzjati mill-UE, filwaqt li jiżguraw aċċess rapidu simplifikat għar-riżorsi tal-computing bi spejjeż amministrattivi minimi.** Il-Bord tat-Tmexxija tal-**Impriża Konġunta EuroHPC** qed jippjana li jadotta din il-Politika ta' Aċċess flimkien mal-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni. F'konformità mal-**Istrateġiji tal-Unjoni tal-Preparatezza u tas-Sigurtà Interna** tagħna, huma inklużi dispożizzjonijiet għall-allokazzjoni diretta tal-ħin tal-aċċess għal proġetti strateġiċi tal-Unjoni¹² kif ukoll għal sitwazzjonijiet ta' ġestjoni ta' emerġenza u kriżijiet.


Azzjonijiet Ewlenin tal-Kummissjoni / EuroHPC:

- Jistabilixxu u jużaw Fabbrica tal-IA magħżula u s-servizzi tagħhom (Q2 tal-2025);
- Jistabilixxu punt ta' dħul uniku għall-utenti kollha madwar l-Ewropa għall-aċċess għall-Fabbriki tal-IA u s-servizzi tagħhom (Q2 tal-2025);
- Iniedu akkwist tal-ewwel supercomputers tal-fabbrika ottimizzati permezz tal-IA (Q2/Q3 tal-2025);
- Iniedu s-Sejħa għal Proposti biex jiġu stabbiliti Antenni tal-Fabbriki tal-IA (Q2 tal-2025);
- Iniedu Sejħa għan-networking tal-attivitajiet kollha tal-Fabbriki tal-IA u tal-Antenni tal-Fabbriki tal-IA (Q2 tal-2025).

¹⁰ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/testing-and-experimentation-facilities>

¹¹ Stabbiliti jew jinsabu fi Stat Membru tal-UE jew fi Stat Parteċipanti jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm Ewropa Diġitali jew ma' Orizzont Ewropa.

¹² Destinazzjoni d-Dinja, Inizjattiva Ewlenija tal-Moħħ tal-Bniedem, iċ-ċentri ta' eċċellenza fil-computing ta' prestazzjoni għolja jew l-Inizjattiva "Aktar minn miljun ġenoma".



1.2 Investiment f'Gigafactories tal-IA

Filwaqt li l-avvanzi reċenti fit-tekniki tat-taħriġ u fl-ottimizzazzjoni arkitettonika għamlu l-mudelli tal-IA aktar effiċjenti, l-insewiment ta' mudelli tal-IA fil-fruntieri għadu jirrikjedi ammonti kbar ta' kapaċit tal-computing u tad-data.

Matul dawn l-aħħar sentejn, **il-mudelli tal-IA saru dejjem aktar kumplessi, u evolvew mill-ipproċessar tat-test sar-raġunament, il-kapaċitajiet multimodali u l-imġiba aġentika.** Din ix-xejra se tkompli, bil-ġenerazzjoni li jmiss ta' mudelli frontiera tal-IA mistennija li jiġġeneraw qabża 'l quddiem fil-kapaċitajiet, lejn Intelliġenza Artifiċjali Ġenerali (AGI, Artificial General Intelligence) li kapaċi tindirizza kompiti kumplessi u diversi ħafna, li jaqblu mal-kapaċitajiet umani.

Bħalissa, is-supercomputers tal-Fabbriki tal-IA bl-aqwa prestazzjoni, mgħammra b'sa 25,000 proċessur avvanzat tal-IA, għandhom rwol essenzjali fl-iżvilupp u t-taħriġ tal-ġenerazzjoni attwali ta' mudelli tal-IA. It-tmexxija tal-mewġa li jmiss ta' mudelli avvanzati tal-IA teħtieġ qawwa komputazzjonali u data ferm akbar. Kif imħabbar fil-Boxxla għall-Kompetittività, l-UE se **tinvesti f'Gigafactories tal-IA**.

Il-Gigafactories tal-IA se jkunu **faċilitajiet fuq skala kbira li jiżviluppaw u jħarrġu mudelli kumplessi tal-IA fuq skala bla preċedent**, b'mijiet ta' triljuni ta' parametri. Dawn se jintegraw qawwa komputazzjonali massiva, **li taqbeż il-100,000 proċessur avvanzat tal-IA**, filwaqt li jqisu l-kapaċità tal-enerġija, kif ukoll l-enerġija, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u ċ-ċirkolarità. Dawn il-faċilitajiet huma essenzjali biex l-Ewropa tikkompeti globalment u żżomm l-awtonomija strateġika tagħha fil-progress xjentifiku u fis-setturi industrijali kritiċi. Dawn se jiġu federati man-network EuroHPC tal-Fabbriki tal-IA, filwaqt li jiżguraw integrazzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien bla xkiel fl-ekosistema Ewropea tal-IA. Dan għandu jstimula wkoll it-tfaassil – u fiż-żmien opportuni il-manifattura – tal-proċessuri tal-IA fl-Ewropa. Il-kriżi tal-COVID u l-aħħar żviluppi ġeopolitiċi¹³ wrew kemm huwa importanti li l-Ewropa tkun tista' tiddependi fuq ktajjen tal-valur siguri u reżiljenti u fuq suq uniku b'saħħtu. L-UE hija determinata li tevita l-frammentazzjoni tas-suq uniku tagħha u li ssaħħha il-kapaċitajiet tagħha biex tnaqqas id-dipendenzi fuq teknoloġiji kritiċi u ssaħħha is-sovranità f'semikondutturi mill-aktar avvanzati¹⁴. Filwaqt li l-attivitajiet f'dan il-qasam diġà bdew taħt l-Impriżi Konġunti taċ-Ċipep u tal-EuroHPC, din għandha tkun prijorità ewlenija għar-rieżami tal-Att dwar iċ-Ċipep, li se jkollu l-għan li jiżgura awtonomija strateġika fit-tfassil u l-produzzjoni tas-semikondutturi tal-IA. Il-Kummissjoni se taċċellera l-ħidma preparatorja bil-ħsieb li tirrevedi l-Att dwar iċ-Ċipep fl-2026. L-effiċjenza enerġetika u s-sigurtà għolja għandhom jidhru fost ir-rekwiżiti ewlenin għaċ-ċipep Ewropej tal-IA.

L-istabbiliment ta' **Gigafactory waħda tal-IA huwa stmat li jirrikjedi investimenti sinifikanti**, li jinkludu kemm in-nefġiet kapitali kif ukoll l-ispejjeż operazzjonali. Minħabba l-kobor tal-investment meħtieġ, dawn il-Gigafactories tal-IA se jiġu implimentati permezz ta' **sħubijiet pubbliċi-privati** u mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi. F'dan ir-rigward, il-President tal-Kummissjoni von der Leyen ħabbret fis-Summit ta' Azzjoni dwar l-IA f'Parigi¹⁵ t-tnedija tal-Faċilità **InvestAI**, bil-ħsieb li jiġi mobilizzat investment ta' EUR 20 biljun għall-infrastruttura tal-IA, b'mod partikolari bil-mira ta' massimu ta' 5 Gigafactories tal-IA madwar l-Unjoni. Il-faċilità, li għandha tiġi żviluppata f'kollaborazzjoni mal-grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment, għandha l-għan li tiffaċilita u tħeġġeġ l-investment privat, flimkien ma'

¹³ Dikjarazzjoni Konġunta mill-Viċi President Eżekuttiv Henna Virkkunen u l-Kummissarju Maroš Šefčovič https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/statement_25_255

¹⁴ L-EuroHPC nediet l-inizjattiva DARE b'baġit ta' EUR 240 miljun biex tiġi żviluppata ekosistema sħiħa tal-HPC ibbażata fuq proċessuri miftuħa RISC-V (bi skop ġenerali u aċċelleraturi, inklużi ċipep speċifiċi għall-IA) u l-integrazzjoni tagħhom f'supercomputers Ewropej fuq skala eksa u fuq skala posteksa. Din l-inizjattiva se ssaħħha is-sovranità teknoloġika strateġika tal-UE, filwaqt li tipproduċi teknoloġija tal-HPC kompetittiva biex tixpruna s-supercomputers Ewropej futuri, b'impatt kritiku f'oqsma oħra bħall-IA, il-cloud u ċ-ċentri tad-data jew is-settur awtomobilistiku.

¹⁵ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/speech_25_471

għotjiet u garanziji pprovduti mill-baġit tal-Unjoni u mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni ħeġġet ukoll lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex itejbu l-appoġġ għall-kapaċitajiet diġitali bħall-IA, il-cloud u l-giga-factories, fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu taġħha tal-Politika ta' Koeżjoni¹⁶.

Pereżempju, fil-qafas ta' tali sħubija pubblika-privata, l-UE u l-Istati Membri **jikkontribwixxu b'għotjiet diretti**, f'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, filwaqt li l-proponenti privati jkunu responsabbli għall-finanzjament tal-ammont li jifdal – bil-possibbiltà li jidderieġu l-investiment permezz tal-Faċilità InvestEU. Dawn il-gigafactories tal-IA jistgħu jsiru wkoll il-pjattaforma biex tiġi attirata l-parteċipazzjoni ta' investituri finanzjarji internazzjonali kbar.

L-istabbiliment tal-ewwel gigafactories tal-IA fit-territorju Ewropew se jirrikjedi sforz sinifikanti ta' investiment u koordinazzjoni tal-politika, b'valur miżjud ċar għall-kompetittività tal-UE. Għalhekk, il-gigafactories tal-IA se jservu bħala wieħed mill-każijiet pilota tal-**Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività** mħabbra fil-Boxxla għall-Kompetittività.

F'konformità ma' din il-viżjoni:

- **tnediet sejħa għal espressjoni ta' interess għall-konsorzji interessati fit-twaqqif ta' Gigafactories tal-IA flimkien mal-adozzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni.** L-għan huwa li jkun hemm dialogu ma' proponenti individwali. Id-dialogu se jinkludi s-sħubija, il-baġit propost, il-pożizzjoni ġeografika, il-prestazzjoni tal-computing, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà kif ukoll l-analiżi tal-fattibbiltà tal-Gigafactory tal-IA taġħhom.

- Wara l-eżitu tad-diskussjonijiet fis-sejħiet preliminari ta' interess mal-partijiet interessati, inklużi l-Istati Membri, l-industrija, u l-istituzzjonijiet finanzjarji, **is-sejħa uffiċjali għall-istabbiliment ta' Gigafactories tal-IA se tiġi ppubblikata fil-Q4 tal-2025 mill-Impriża Konġunta EuroHPC.**

L-avvanz ulterjuri tal-fruntiera tal-mudelli tal-IA, inkluż lejn l-Intelliġenza Artifiċjali Ġenerali (AGI), jirrikjedi wkoll l-iffaċilitar tal-espansjoni tal-kumpaniji. **Biex jiġi attirat investiment kapitali sostanzjali għall-iżvilupp ta' mudelli ġodda tal-IA**, il-fondi ta' investiment jistgħu jintervjenu, pereżempju dawk appoġġati permezz tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, il-Fond ippjanat għall-iscaleups TechEU¹⁷, l-Inizjattiva ta' Champions Ewropej tat-Teknoloġija tal-Grupp tal-BEI jew mill-garanzija InvestEU. Barra minn hekk, l-akkwist pubbliku tal-UE, li jammonta għal aktar minn 15 %¹⁸ tal-PDG taġħna, jista' joħloq suq enormi għal prodotti u servizzi innovattivi. F'dak il-kuntest, il-Boxxla għall-Kompetittività ħabbret il-promozzjoni tal-**preferenza Ewropea fl-akkwist pubbliku għal setturi u teknoloġiji kritiċi** fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tar-regoli tal-UE.

Soluzzjonijiet iddedikati mmirati lejn l-iffaċilitar tal-aċċess tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu innovattivi għall-finanzi, l-akkwist pubbliku, is-swieq, is-servizzi u t-talenti, se

¹⁶ [Il-Komunikazzjoni dwar Politika ta' Koeżjoni modernizzata: ir-rieżami ta' nofs it-terminu \[ref għal 1.4.2025 \(COM \(2025\) 163\]](#)

¹⁷ Mill-Boxxla għall-Kompetittività: “biex jgħin f li jnaqqas id-distakk fil-finanzjament biex tiġi appoġġata l-innovazzjoni fixkiela, tissaħħaħ il-kapaċità industrijali tal-Ewropa u tal-kumpaniji li qed jespandu”

¹⁸ [Access to public procurement | Single Market and Competitiveness Scoreboard](#)

jigū esplorati mill-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up mħabbra mill-Kummissjoni Ewropea fil-Boxxla għall-Kompetittività.

Azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni / EuroHPC:

- Il-ħruġ ta' sejħa għal espressjoni ta' interess għall-investiment f'Gigafactories tal-IA (9 ta' April 2025);
- Id-definizzjoni tal-Faċilità InvestAI mal-EIBG (T3/T4 tal-2025);
- It-tnedija tas-sejħa uffiċjali dwar il-Gigafactories tal-IA taħt l-Impriża Konġunta EuroHPC (T4 tal-2025);
- L-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament tan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu u l-iffaċilitar tal-aċċess tagħhom għas-swieq, l-akkwist pubbliku, is-servizzi u t-talent fl-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up (Q2 tal-2025).

1.3 L-istabbiliment tal-qafas ta' appoġġ biex tingħata spinta lill-kapaċità tal-cloud u taċ-ċentru tad-data tal-UE

L-UE teħtieġ ukoll aktar **strumenti biex is-settur privat ikun jista' jagħlaq lakuni oħra fil-kapaċità tul il-kontinwum tal-computing** li jaffettwaw il-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja ta' mudell tal-IA, mill-iżvilupp u l-irfinar sal-varar u l-użu f'ħin reali. Dawn il-lakuni jinkludu b'mod partikolari: **il-kapaċità ġenerali tal-cloud**, li tipikament hija pprovduta minn ċentri tad-data kbar; u **kapaċità tal-edge** li tipprovdi servizzi simili iżda b'ħin ta' rispons (latenza) ferm aktar baxx, bħal f'ambjent tat-telekommunikazzjoni (telco edge)¹⁹. Fir-rigward tal-IA, il-cloud u l-edge computing huma faċilitaturi ewlenin ta' operazzjonijiet iżgħar ta' rfinar, b'mod partikolari dawk li jadattaw mudelli tal-IA mħarrġa minn qabel għal kompiti speċifiċi bl-użu ta' settijiet ta' data iżgħar, u ta' inferenza, l-eżekuzzjoni ta' mudelli mħarrġa tal-IA biex jiġġeneraw outputs minn data ġdida.

L-UE bħalissa għadha lura meta mqabbla mal-Istati Uniti u ċ-Ċina f'termini ta' kapaċità disponibbli taċ-ċentru tad-data, li tiddependi ħafna fuq l-infrastruttura installata f'reġjuni oħra tad-dinja u kkontrollata minnhom, li l-utenti tal-UE jaċċessaw permezz tal-cloud. Filwaqt li l-aċċess għal servizzi tal-cloud innovattivi u affordabbli huwa vitali għall-kompetittività tal-UE, **dipendenza eċċessiva fuq infrastruttura mhux tal-UE tista' ġġib magħha riskji għas-sigurtà ekonomika u hija ta' tħassib** għall-industrija Ewropea, is-setturi ekonomiċi ewlenin u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Biex taqdi b'mod adegwat il-ħtiġijiet tal-IA u tal-computing ġenerali tan-negozji u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-UE kollha, u sabiex tiżgura l-kompetittività u s-sovranià, huwa **essenzjali li l-UE żżid il-kapaċità attwali tagħha tal-cloud u taċ-ċentru tad-data** b'mod ġeografikament ibbilanċjat.

¹⁹ It-terminu telco edge jiddeskrivi l-ambjenti tal-edge computing offruti mill-operaturi tat-telekommunikazzjoni bħala servizz lil partijiet terzi. Dawn huma l-aktar offerti prominenti tal-edge computing tal-lum. Għal iktar informazzjoni, ara: <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/white-paper-how-master-europes-digital-infrastructure-needs>.

L-Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA se johlq il-kundizzjonijiet it-tajba għall-UE biex tinċentiva investimenti kbar fil-kapaċità tal-cloud u tal-edge. Illum, iż-żmien medju biex jinkiseb permess u l-awtorizzazzjonijiet ambjentali relatati għall-bini ta' ċentru tad-data fl-Ewropa spiss ikun ogħla minn 48 xahar. L-industrija taċ-ċentri tad-data ssibha diffiċli biex tidentifika siti xierqa, u biex tikseb aċċess għal enerġija suffiċjenti biex tħaddem il-faċilitajiet tagħha. L-Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA se jindirizza dawn l-ostakli, bil-**ħsieb li mill-inqas tiġi ttriplikata l-kapaċità taċ-ċentru tad-data tal-UE fil-ħames sa seba' snin li ġejjin u li din tinġieb f'livell li jissodisfa l-ħtiġijiet tan-negozji u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE sal-2035**. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tipprevedi li l-proġetti taċ-ċentri tad-data li jissodisfaw ir-rekwiżiti relatati mal-effiċjenza fir-riżorsi, inkluż fl-effiċjenza enerġetika u tal-ilma, fiċ-ċirkolarità u fir-rekwiżiti relatati mal-innovazzjoni se jibbenefikaw minn permessi simplifikati, filwaqt li jinżammu s-salvagwardji ambjentali u tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem, u minn miżuri oħra ta' appoġġ pubbliku, f'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Iż-żieda ta' ċentri tad-data ġodda fil-grilja tippreżenta sfidi importanti, b'mod partikolari f'termini ta' impatti potenzjali fuq il-konsum, konsumaturi oħra tal-enerġija, networks u dekarbonizzazzjoni. Il-**pjan direzzjonali strateġiku għad-diġitalizzazzjoni u l-IA fis-settur tal-enerġija** se jipproponi miżuri li jiffaċilitaw l-integrazzjoni sostenibbli taċ-ċentri tad-data fis-sistema tal-enerġija u jindirizzaw kwistjonijiet oħra relatati mal-enerġija li jirriżultaw mill-varar fuq skala kbira taċ-ċentri tad-data fl-UE bħall-ottimizzazzjoni tal-grilja tal-elettriku, l-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-industrija u l-flessibbiltà min-naħa tad-domanda. Bl-istess mod, l-**Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma** li jmiss se tħares lejn it-tnaqqis tal-impronta tal-ilma ta' dawn l-installazzjonijiet u lejn iż-żieda taċ-ċirkolarità tagħhom permezz tal-użu mill-ġdid, l-effiċjenza u t-tkessiħ niexef tal-ilma.

Għal każijiet ta' użu kritiku ħafna, inklużi l-applikazzjonijiet tal-IA, is-sovranità u l-awtonomija operazzjonali jeħtieġu kapaċità tal-cloud sigura ħafna bbażata fl-UE. L-Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA se jiżgura li s-settur pubbliku u privat fl-UE jkun jista' jiddependi fuq tali kapaċità għal dawn il-każijiet ta' użu, u b'hekk iqiegħed il-bażi għas-settur pubbliku biex jadotta l-IA f'ambjent ta' fiduċja. B'mod aktar ġenerali, l-ingranaġġ tad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Att dwar id-Data dwar il-qlib tal-cloud, l-Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA se jeżamina l-istabbiliment ta' **suq komuni tal-UE għall-kapaċità u s-servizzi tal-cloud** biex jippermetti d-dħul fis-suq ta' sett aktar varjat ta' fornituri tas-servizzi tal-cloud.

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet ikkonċernati jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar **L-Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA** bħala parti minn konsultazzjoni pubblika, li takkumpanja dan il-Pjan ta' Azzjoni.

L-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'dan il-qasam se jikkomplementaw l-isforzi mill-Istati Membri, li bħalissa qed ifasslu żewġ Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) ġodda possibbli f'dan il-qasam. Inizjattiva waħda tiffoka fuq l-avanz tar-riċerka lil hinn mill-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-ewwel varar industrijali ta' soluzzjonijiet f'kontinwità ta' servizzi federati u distribwiti tal-IA. Inizjattiva oħra tiffoka fuq il-varar tal-infrastruttura ta' infrastruttura u servizzi tal-computing fuq skala kbira.

Azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni:

- L-adozzjoni ta' proposta għall-Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA (Q4 tal-2025 - Q1 tal-2026), preċeduta mit-tneġġija ta' konsultazzjoni pubblika (9 ta' April 2025);
- L-adozzjoni ta' pjan direzzjonali strateġiku għad-diġitalizzazzjoni u l-IA fis-settur tal-enerġija (2026);
- Appoġġ lill-Istati Membri fil-ħidma tagħhom dwar it-tfassil ta' IPCEIs futuri possibbli fil-qasam tal-IA u l-infrastruttura tal-ipproċessar tad-data.

2. Data għall-IA

L-aċċess għal data affidabbli u organizzata tajjeb huwa essenzjali jekk l-UE trid tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-IA. Il-Kummissjoni se tindirizza dan fit-tieni nofs tal-2025 bi **Strateġija ġdida għal Unjoni tad-Data** biex tagħmel aktar data disponibbli b'appoġġ għall-iżvilupp u l-innovazzjoni tal-IA.

L-**Istrateġija għal Unjoni tad-Data** se tiffoka fuq it-tisħiħ tal-ekosistema tad-data tal-UE billi ttejjeb l-interoperabbiltà u d-disponibbiltà tad-data fis-setturi kollha, biex twieġeb għall-iskarsezza ta' data robusta u ta' kwalità għolja għat-taħriġ u l-validazzjoni tal-mudelli tal-IA. Se jkollha l-għan li tallinja aħjar il-politiki tad-data mal-ħtiġijiet tan-negozji, tas-settur pubbliku u tas-soċjetà, filwaqt li trawwem ambjent affidabbli għall-kondiviżjoni tad-data. Biex jinkiseb dan, se jiġu stabbiliti s-salvagwardji meħtieġa biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità, l-integrità u s-sigurtà tad-data kondiviżja, u b'hekk tiġi promossa kultura ta' fiduċja u kooperazzjoni. Se tingħata attenzjoni partikolari lis-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar id-data biex jitnaqqsu l-kumplessità u l-piż amministrattiv u biex jiġi żgurat li l-istrutturi ta' governanza tad-data jkunu effiċjenti u effettivi, abbażi ta' proċess inklużiv li jqis il-leġiżlazzjoni applikabbli dwar id-drittijiet tal-awtur.

Għodda importanti f'dan il-kuntest se tkun il-**Laboratorji tad-Data**, li se jiġu stabbiliti bħala parti mill-inizjattiva tal-Fabbriki tal-IA. Dawn il-Laboratorji tad-Data se jiġbru flimkien u jiffederaw data minn Fabbriki tal-IA differenti li jkopru l-istess setturi. Barra minn hekk, dawn se jorbtu mal-Ispazji Komuni Ewropej tad-Data korrispondenti u se jagħmlu din id-data disponibbli għall-iżviluppaturi tal-IA b'kundizzjonijiet xierqa. Għalhekk, il-Laboratorji tad-Data se jiżguraw li l-iżviluppaturi tal-IA jkollhom aċċess għal volumi kbar ta' data ta' kwalità għolja fis-setturi tas-saħħa, tal-enerġija jew f'setturi oħra (dejjem f'konformità mar-regoli li japplikaw għal kull spazju tad-data).

Il-Laboratorji tad-Data mhux biss se jiżguraw aċċess għall-**Ispazji Komuni Ewropej tad-Data** iżda jistgħu joffru wkoll firxa ta' servizzi oħra. Dawn jistgħu jinkludu t-tindif u l-arrikkiment tas-settijiet tad-data, il-forniment ta' għodod tekniċi (eż. formati standardizzati, data sintetika, elementi kostitwenti tekniċi kondiviżi) u t-trawwim tal-interoperabbiltà bejn is-setturi u l-fruntieri. Il-Laboratorji tad-Data jistgħu joffru wkoll servizzi ta' għbir tad-data li jgħinu lill-kumpaniji jikkondividu d-data filwaqt li jaderixxu mar-regoli tal-antitrust, abbażi tal-**qafas tal-Att dwar il-Governanza tad-Data** għal intermedjarji tad-data fdati. Fil-qosor,

dawn ibiddlu s-sorsi tad-data frammentati f'riżorsa affidabbli u aċċessibbli għall-iżvilupp tal-IA.

Il-Kummissjoni qed tappoġġja dawn l-isforzi billi tiżviluppa *Simpl*, **software tal-cloud kondiviż biex tagħmilha aktar faċli li l-ispazji tad-data jiġu ġestiti u konnessi**²⁰. Dan isoftware jaġixxi bħala saff komuni u jgħin lill-parteċipanti fi spazju tad-data biex jaħdmu flimkien b'mod aktar bla xkiel. Dan joffri għodod lesti għall-użu – bħal modi siguri għall-iskambju tad-data, il-ġestjoni tal-aċċess u l-verifika tal-identitajiet – u b'hekk inaqqas il-kumplessità u l-kostijiet tekniċi. Dan imbagħad se jgħin aktar organizzazzjonijiet biex jgħaqqdu u jespandu l-ispazji tad-data madwar l-UE.

Il-qasam tad-data lingwistika huwa eżempju ċar ta' kif il-ġbir tad-data minn Stati Membri differenti jista' jwassal għal riżultati tanġibbli. Id-data lingwistika hija l-bażi għal mudelli lingwistiċi kbar. Id-disponibbiltà tagħhom hija essenzjali biex jitneħħew l-ostakli lingwistiċi fis-suq uniku, u potenzjalment tingħata spinta lill-kummerċ intra-UE sa EUR 360 biljun²¹. L-**Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi (ALT-EDIC)** hija sforz fuq skala kbira biex tinġabar id-data lingwistika tal-UE li tnieda f'Marzu 2025. Se tlaqqa' flimkien 17-il Stat Membru biex jibnu repożitorju komprensiv ta' riżorsi lingwistiċi ta' kwalità għolja biex jitnaqqas id-distakk fid-data multilingwi u tiġi ppreservata d-diversità lingwistika u kulturali tal-Ewropa, filwaqt li titrawwem l-eċċellenza u t-tmexxija teknoloġika.

Eżempju ieħor huwa fil-qasam tas-saħħa, meta r-regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa jistabbilixxi qafas komuni biex id-data dwar is-saħħa minn Stati Membri differenti ssir disponibbli b'mod sigur għall-użu sekondarju madwar l-UE. Billi jiġi żgurat l-aċċess għal settijiet ta' data ta' kwalità għolja li jirriflettu d-diversità tal-popolazzjoni tal-Ewropa, dan se jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-preġudizzju u għat-tisħiħ tal-ġustizzja u l-effettività fl-iżvilupp tal-applikazzjonijiet tal-IA għall-kura tas-saħħa.

Barra minn hekk, il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, l-Ispazju tad-Data tal-Ewropa għar-riċerka u l-innovazzjoni, qed jiġbor ammonti kbar ta' data tar-riċerka ta' kwalità għolja mill-istituti tar-riċerka biex jagħmluhom disponibbli għal applikazzjonijiet innovattivi. L-UE nnifisha, permezz ta' Copernicus, tipprovdi data ġeospazjali aċċessibbli liberament għall-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-IA.

Lil hinn milli tagħmel aktar data disponibbli, l-**Istrateġija għal Unjoni tad-Data** se tinvestiga wkoll modi kif titnaqqas il-burokrazija bla bżonn. Dan għandu l-għan li jissimplifika kif in-negozji jistgħu jikkonformaw mar-regoli tal-UE dwar id-data, sabiex ikunu jistgħu jikkondividu u jużaw id-data għall-IA b'mod aktar faċli. L-istrateġija se tħares ukoll lejn kif l-UE tista' tattira data aktar siewja – filwaqt li tiżgura li d-data sensittiva tal-UE tiġi protetta meta tiġi kondiviża internazzjonalment.

Biex issawwar l-Istrateġija, il-Kummissjoni se tniedi konsultazzjoni pubblika biex tiġbor input min-negozji, mis-settur pubbliku, mir-riċerkaturi u minn partijiet ikkonċernati oħra. Dan se jgħin biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi tad-data, jiġu rfinati l-azzjonijiet proposti u jiġi żgurat li l-Istrateġija tappoġġja ekosistema tal-IA b'saħħitha, kompetittiva u innovattiva fl-UE.

²⁰ <https://simpl-programme.ec.europa.eu/>

²¹ [Studju tas-Soluzzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Lingwa \(CNECT/LUX/2022/OP/0030\)](#)

Azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni:

- It-tnedija ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-Istrateġija għal Unjoni tad-Data sabiex tifhem aħjar il-ħtiġijiet tad-data tal-industrija (Q2 tal-2025) qabel ma tippreżenta l-Istrateġija għal Unjoni tad-Data (Komunikazzjoni, Q3 tal-2025);
- L-istabiliment ta' Laboratorji tad-Data assoċjati mal-fabbriki tal-IA (Q3-Q4 tal-2025);
- It-tkomplija tal-għoti ta' appoġġ għall-varar tal-Ispazji Komuni Ewropej tad-Data (inkluż l-użu ta' software komuni u l-użu ta' elementi kostitwenti tekniċi kondiviżi biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà) u trawwem ir-rabtiet tagħhom mal-fabbriki tal-IA (il-Programm Ewropa Diġitali 2025-2027).

3. Trawwim tal-innovazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni tal-IA f'setturi strateġiċi tal-UE

Illum ħafna kumpaniji Ewropej, speċjalment midcaps u SMEs, qed isibuha diffiċli biex jadottaw l-IA. Sal-2024, 13,5 % biss tal-kumpaniji fl-UE kienu adottaw l-IA²². L-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni tal-IA fis-setturi kollha, inkluż l-amministrazzjoni pubblika, trawwem l-innovazzjoni u hija essenzjali biex jissaħħu l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku kif ukoll biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

Dan huwa l-objettiv tal-**Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA** li jmiss, l-approċċ tal-UE biex taċċellera l-adozzjoni tal-IA u tixpruna l-innovazzjoni filwaqt li tingrana s-soluzzjonijiet tal-IA "made in Europe". Hija se jiffoka fuq is-setturi tal-industrija fejn l-għarfien espert tal-UE jista' jikkontribwixxi għal żieda ulterjuri fil-produttività u l-kisbiet fil-kompetittività. Se tindirizza wkoll l-adozzjoni mis-settur pubbliku, fejn l-IA f'oqsma bħall-kura tas-saħħa tista' ggħib benefiċċji trasformattivi għall-benesseri. Biex tikkomplementa, Strateġija Ewropea ddedikata għall-IA fix-Xjenza se timmira l-użu tal-IA fid-dixxiplini xjentifiċi kollha, tagħti spinta lill-produttività u tiftaħ skoperti xjentifiċi.

3.1 Approċċ ibbażat fuq il-każ tal-użu f'setturi ewlenin tal-industrija Ewropea u fis-settur pubbliku

F'konformità mar-rapport ta' Draghi, l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA se timmira lejn **is-setturi industrijali Ewropej ewlenin fejn l-UE għandha tmexxija b'saħħitha**. Dawn is-setturi għandhom l-akbar potenzjal mhux sfruttat fir-rigward tal-adozzjoni tal-IA u jinkludu, fost l-oħrajn, **il-manifattura avvanzata; l-ajruspazju; is-sigurtà u d-difiża²³; l-agroalimentari; ir-riċerka dwar l-enerġija u l-fużjoni; l-ambjent u l-klima; il-mobbiltà u**

²² https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/isoc_eb_ai/default/table?lang=en

²³ F'konformità mal-White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, it-teknoloġiji fundamentali bħall-IA, huma inputs ewlenin kemm għat-tkabbir ekonomiku fit-tul, kif ukoll għall-preminenza militari.

s-settur awtomobilistiku; tal-farmaċewtika; il-bijoteknoloġija; it-tfassil ta' materjali avvanzati; ir-robotika; il-komunikazzjonijiet elettroniċi; l-industriji kulturali²⁴ u kreattivi u x-xjenza. Barra minn hekk, is-settur pubbliku se jkun mutur strateġiku ewlieni tal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA. L-istrateġija se tiżgura li l-IA tintuża biex ittejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi, f'oqsma bħall-**kura tas-saħħa, il-ġustizzja, l-edukazzjoni u l-amministrazzjoni pubblika**. F'dan il-kuntest, l-IA għandha l-potenzjal li tkun għodda b'saħħitha għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inkluż billi jiġu ġġenerati soluzzjonijiet aċċessibbli u jitneħħew l-ostakli għall-persuni b'diżabilità. Fl-istess ħin, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-integrazzjoni u l-użu ulterjuri tal-IA f'dawn is-setturi ma jdgħajfux l-interessi tas-sigurtà ekonomika tal-UE. Għal dan l-għan, is-sett ta' għodod tas-sigurtà ekonomika tal-UE se jkollu rwol ċentrali.

L-Istrateġija se tipproponi azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi għas-settur, inkluż l-aċċess għad-data, it-talent, l-iżvilupp u l-aġġornament tal-ħiliet, l-ikkuntrattar awtomatizzat u l-opportunitajiet ta' ttestjar. Fl-aħħar mill-aħħar, l-approċċ ifittex li jiddetermina l-aktar strumenti ta' politika effettivi biex jiffaċilita l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA fis-setturi u bejniethom. Dan jinkludi l-pożizzjonament strateġiku ta' strumenti ta' appoġġ xierqa, bħall-Fabbriki/Gigafactories tal-IA, iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali, il-Faċilitajiet tal-Ittestjar u tal-Esperimentazzjoni, l-Istrateġija għal Unjoni tad-Data u l-Akkademja għall-Ħiliet fl-IA (ara t-taqsimu 4). Barra minn hekk, l-istrateġija se tipproponi li l-Uffiċċju tal-UE għall-IA, bħala ċ-ċentru tal-UE tal-għarfien espert dwar l-IA, jistabbilixxi osservatorju biex jimmonitorja l-iżviluppi u l-implimentazzjoni.



²⁴ Għall-industriji kreattivi, se tiġi żviluppata strateġija tal-IA għas-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi b' mod parallel mal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA li jmiss. Se tiffoka fuq li tiżgura li l-IA tippermetti u ssaħħaħ il-kreattività tal-bniedem aktar milli tissostitwixxi l-bnedmin, u li tikkontribwixxi għas-salvagwardja tad-diversità kulturali u lingwistika Ewropea.

Biex tiġbor firxa wiesgħa ta' fehmiet u kontributi, tidentifika l-prijoritajiet u l-isfidi tal-partijiet ikkonċernati, u tivvaluta r-rilevanza ta' soluzzjonijiet potenzjali, il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-partijiet ikkonċernati jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, bħala parti mill-**konsultazzjoni pubblika** li takkumpanja din il-Komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni qed tibda wkoll **djalogi strutturati** mar-rappreżentanti tal-**industrija** (inklużi l-SMEs, il-komunitajiet tan-negozji ġodda u dawk li qed jespandu) kif ukoll mas-settur pubbliku. Filwaqt li jibnu fuq pjattaformi eżistenti ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, dawn id-djalogi għandhom l-għan li jidentifikaw eżempji rilevanti ta' potenzjal mhux sfruttat fir-rigward tal-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-IA f'setturi speċifiċi, l-integrazzjoni attwali fil-proċessi tan-negozju u tal-produzzjoni, kif ukoll il-potenzjal għall-espansjoni tagħhom fis-settur u fl-ekonomija usa'.

3.2 Iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali bħala l-muturi ewlenin għall-avvanz fil-varar tal-IA

In-network taċ-**Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali preżenti fl-Istati Membri kollha tal-UE** u f'10 pajjiżi Ewropej oħra, inklużi l-pajjiżi kandidati, se jwettaq rwol ewleni biex jappoġġja l-integrazzjoni effettiva tal-IA, li jkopri 85 % tar-reġjuni Ewropej. Iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali għandhom l-għan li jiżguraw trasformazzjoni diġitali b'suċċess tal-SMEs, tal-mid-caps u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku. Fit-tieni fażi tagħhom, minn Diċembru 2025, iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali se **jsiru Ċentri ta' Esperjenza għall-IA**. L-enfasi tagħhom fuq l-adozzjoni tal-IA se tissaħħaħ biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jappoġġjaw b'mod effettiv l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA speċifiċi għas-settur, filwaqt li jkomplu jipprovdu servizzi ta' akkumpanjament bħal pariri dwar il-finanzjament, in-networking u t-taħriġ.

In-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali se jaħdem f'sinerġija mill-qrib mal-ekosistema tal-Fabbriki tal-IA. Fost l-oħrajn, dan se jiffaċilita l-aċċess tal-kumpaniji għar-riżorsi tal-computing u tad-data tal-Fabbriki tal-IA kif ukoll għal inizzjattivi oħra tal-IA bħal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u Faċilitajiet tal-Ittestjar u tal-Esperimentazzjoni.

Dawn tal-aħħar jipprovdu ambjenti fuq skala kbira fid-dinja reali biex tiġi ttestjata u rfinata l-IA, filwaqt li jiġi żgurat li l-mudell tal-IA jiġi vvalidat, ottimizzat u mħejji għall-varar. Il-Faċilitajiet għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni joperaw b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, il-manifattura, il-bliet intelliġenti (inklużi t-trasport u l-mobbiltà), l-agrikoltura u l-enerġija²⁵. Tali faċilità ġdida se titnieda fl-2026.

Pereżempju, kumpanija li tkun lesta timplimenta mudell ta' tbassir tal-konsum tal-enerġija xprunat mill-IA f'sistema ta' manifattura eżistenti tista' teħtieġ taħriġ u titjib tal-ħiliet speċifiċi tal-persunal. Iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali jistgħu jipprovdu taħriġ bħal dan, u se jappoġġjaw ukoll lill-kumpanija billi jipprovdu perkorsi ta' taħriġ ċari skont il-ħtiġijiet tal-impjegati.

²⁵ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/testing-and-experimentation-facilities>

L-eżempji li ġejjin juru kif iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali diġà qed jassistu lill-SMEs fl-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA:

Algoritmi tal-IA u Integrazzjoni tas-Sensuri għal Bastimenti Robotiċi (l-Estonja)²⁶

Mindchip OÜ, negozju ġdid ta' teknoloġija marittima ta' daqs mikro fl-Estonja, iffaċċja sfidi fl-iżvilupp ta' sistema effettiva ta' viżjoni mekkanika bbażata fuq l-IA għal bastimenti awtonomi. Filwaqt li kkollaboraw maċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni Diġitali (EDIH) AI & Robotics Estonia, li pprova assistenza permezz tal-inizjattiva “test qabel l-investment” u għen biex jinstab finanzjament, huma integraw sistema ta' viżjoni mekkanika mill-aktar avvanzata bbażata fuq l-IA li tejbet b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet ta' navigazzjoni awtonoma tagħhom. Din is-sistema naqqset b'mod sinifikanti l-kostijiet u l-impatt ambjentali, filwaqt li tejbet is-sikurezza u l-effiċjenza operazzjonali.

ARACNE - Viżjoni tal-Magna għall-kontroll tal-labar u s-sinkers għal manifattura b'zero difetti: Minn Prova tal-Kunċett għal kumpanija Spin-off (Spanja)²⁷

CANMARTEX, intrapriża żgħira fi Spanja, immirat l-ineffiċjenzi fil-produzzjoni tat-tessuti minħabba difetti fid-drapp. Billi ssieħbet mal-Eurecat permezz taċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni Diġitali DIH4CAT, hija żviluppat is-soluzzjoni ARACNE, li tinkorpora teknoloġiji avvanzati tal-IA u tal-viżjoni mekkanika. Din is-sistema ta' kontroll tal-kwalità ta' previżjoni tidentifika u tindirizza difetti potenzjali fil-makkinarju tal-insiġ f'ħin reali, filwaqt li tnaqqas b'mod sinifikanti l-iskart u żżid il-produttività. L-approċċ innovattiv wassal għall-ħolqien ta' kumpanija spin-off u kiseb diversi premijiet prestiġjużi lil CANMARTEX, inkluż l-“Aqwa soluzzjoni tal-IA applikata għall-manifattura industrijali” fl-avveniment tal-Fabbriki tal-Futur fl-2023.

L-appoġġ għas-suċċess ta' Gas Grün GmbH fl-IA, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ħolqien ta' prototipi bl-użu tal-istampar 3D (il-Ġermanja)²⁸

Gas Grün GmbH, negozju ġdid żgħir tal-bijogass fil-Ġermanja, kien qed jitħabat biex jottimizza r-rendiment tal-enerġija tal-impjanti tal-bijogass tiegħu. Bl-għajnuna ta' Ċentru tal-Innovazzjoni Diġitali, li pprova l-opportunità li jiġu ttestjati teknoloġiji bħall-istampar 3D qabel ma jsir investment fihom u li poġġa lil Gas Grün f'kuntatt ma' sħab speċjalizzati, il-kumpanija żviluppat sistema ta' kontroll ibbażata fuq l-IA li timmassimizza l-produzzjoni tal-enerġija u timminimizza l-iskart. Dan għenhom ikabbru n-negozju tagħhom u juru xogħolhom f'avvenimenti industrijali.

ArtCentrica: pjattaforma online li tirrivoluzzjona t-tagħlim tal-arti u l-istudji umanistiċi (l-Italja)

ArtCentrica toffri aċċess għal aktar minn 8,000 opra tal-arti b'riżoluzzjoni għolja minn mużewijiet globali, u tintroduċi għodda edukattiva unika fejn l-intelliġenza tal-bniedem u dik artifiċjali jikkonverġu biex joħlqu narrattivi multimedjali interattivi ċċentrati madwar opri tal-arti: **AI ArtCentrica Stories**. Din l-għodda innovattiva tittrasforma biċċiet tal-arti f'elementi dinamiċi, li jservu kemm bħala l-oġġett tan-narrattiva kif ukoll bħala mezz biex jintwerew kunċetti differenti. Ir-R&Ż għal dan il-proġett jitwettqu bis-saħħa tal-appoġġ ta' Ċentru tal-Innovazzjoni Diġitali.

²⁶ <https://european-digital-innovation-hubs.ec.europa.eu/knowledge-hub/success-stories/ai-algorithms-and-sensor-integration-robotic-vessels>

²⁷ <https://european-digital-innovation-hubs.ec.europa.eu/knowledge-hub/success-stories/aracne-machine-vision-needles-and-sinkers-control-zero-defect>

²⁸ <https://european-digital-innovation-hubs.ec.europa.eu/knowledge-hub/success-stories/supporting-gas-grun-gmbhs-success-ai-marketing-and-prototyping-using>

3.3 IA “made in Europe” mir-riċerka għas-suq

Bl-għan li jiġu varati soluzzjonijiet tal-IA, huwa essenzjali li jiġi żgurat proċess kontinwu li jkopri ċ-ċiklu tal-iżvilupp tat-teknoloġija, mir-riċerka sas-suq. **It-trawwim tal-isforzi tar-R&Ż huwa għalhekk vitali.** Il-Kummissjoni diġà bdiet sforzi f'din id-direzzjoni bil-**pakkett dwar l-Innovazzjoni fl-IA** mniedi f'Jannar 2024, li jappoġġja finanzjarjament ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-IA ġenerattiva taħt **l-inizjattiva GenAI4EU**, li tappoġġja r-riċerka applikata u tistabbilixxi l-pedamenti għal ekosistema Ewropea tal-IA b'saħħitha.

L-inizjattiva GenAI4EU tieħu approċċ settorjali u s'issa **allokat kważi EUR 700 miljun f'sejħiet ippjanati għal Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali**²⁹ għall-iżvilupp ta' mudelli u soluzzjonijiet avvanzati tal-IA f'firxa wiesgħa ta' setturi. Fost l-oħrajn, il-proġetti se jiżviluppaw IA ġenerattiva għall-ottimizzazzjoni tal-linji ta' produzzjoni fil-manifattura, biex itejbu l-awtonomija tar-robot u l-kollaborazzjoni bejn il-bniedem u r-robots f'kompiti kumplessi, kif ukoll biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħna ta' difiża ċibernetika u ta' immaġnijiet mediċi.

Barra minn hekk, fis-settur pubbliku, **sa erba' proġetti pilota se jkollhom l-għan li jaċċelleraw il-varar ta' soluzzjonijiet ġenerattivi Ewropej tal-IA fl-amministrazzjonijiet publiċi.** Dawn il-proġetti pilota se jiffukaw fuq it-tisħiħ tat-teħid tad-deċiżjonijiet, is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi interni, u t-titjib tal-interazzjonijiet taċ-ċittadini billi s-servizzi publiċi jsiru aktar aċċessibbli. Bl-ingranaġġ tal-kapaċità tal-akkwist pubbliku, is-sejħa tixpruna l-akkwist tal-innovazzjoni, trawwem l-iżvilupp u l-varar ta' soluzzjonijiet ġodda, taċċellera l-adozzjoni u ttejjeb is-servizzi publiċi. Filwaqt li tibni fuq l-inizjattiva GenAI4EU, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja r-R&Ż u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet Ewropej tal-IA fl-2026 u fl-2027 bħala parti integrali mill-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA. Se ssir enfasi fuq l-aktar każijiet ta' użu promettenti identifikati mill-Istrateġija. Barra minn hekk, l-inizjattiva tal-Inkubatur GovTech, matul il-perjodu 2025-2029, se tappoġġja 21 attur GovTech minn 16-il pajjiż biex jikkopilotaw u jiżviluppaw, bħala l-ewwel pass, soluzzjonijiet tal-IA għall-akkwist pubbliku, l-ipproċessar tal-evidenza u l-assistenti tal-aċċessibbiltà.

Sabiex l-inizjattivi ta' hawn fuq jiġu kkomplementati u msaħħa, huwa kruċjali li jsir investiment sostanzjali fir-riċerka fundamentali. Dan huwa essenzjali **biex tiġi sostnuta l-eċċellenza tal-IA tal-Ewropa, jiġi sfruttat l-għarfien espert ta' livell dinji fl-Istati Membri,** jingħaqdu l-forzi fil-livell Ewropew biex tiġi stimolata l-kollaborazzjoni, jinżammu u jiġu attirati l-aħjar talenti fir-riċerka, u tiġi aċċellerata l-ġenerazzjoni li jmiss ta' żviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi li jappoġġjaw kemm lill-industrija kif ukoll lis-soċjetà. Il-**Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-IA**, imħabbar fil-Linji Gwida Poliċi għall-2024-2029, fil-forma ta' **Riżorsa għax-Xjenza tal-IA fl-Ewropa (RAISE)**, se jiġbor flimkien riżorsi li jimbuttaw il-konfini teknoloġiċi tal-IA u jisfruttaw il-potenzjal tagħha biex tiffaċilita l-iskoperti xjentifiċi. Dan se

²⁹ Ammont għal sejħiet attwali u ppjanati: għall-perjodu 2024-2025 taħt il-Programm Orizzont Ewropa u għall-perjodu 2024-2027 taħt il-Programm Ewropa Diġitali.

jappoġġja kemm “Ix-Xjenza għall-IA”, filwaqt li jixpruna l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-IA tal-ġenerazzjoni li jmiss, kif ukoll l-“IA fix-Xjenza”, irawwem l-użu tal-IA għall-iskoperta u l-esplorazzjoni f’firxa ta’ dixxiplini xjentifiċi, filwaqt li jiftaħ dakkir inkroċjat bejn l-IA u x-xjenzi tad-dominji. Abbażi tal-inputs li waslu matul il-konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa kemm dwar l-Applikazzjoni tal-IA kif ukoll dwar l-IA fix-Xjenza, il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa l-kunċett, inkluża l-governanza tiegħu, u se tnedi fażi pilota tar-Riżorsi għax-Xjenza tal-IA fl-Ewropa (RAISE) tal-IA sal-2026.

L-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA li jmiss għalhekk se tinkludi x-xjenza bħala settur vertikali u rabta mal-**Istrateġija għall-IA fix-Xjenza** (li għandha tiġi adottata flimkien mal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA). Din l-Istrateġija se jkollha l-għan li tiffaċilita l-**adozzjoni responsabbli u rapida** tal-IA mix-xjenzati, bl-appoġġ tar-**RAISE**. Se tintroduċi pjan ta’ azzjoni biex jingħelbu l-ostakli identifikati għax-xjenzati, l-għoti tas-setgħa lill-komunità xjentifika, u l-inkoraġġiment tal-kollaborazzjoni u l-eċċellenza xjentifika. Dan se jorbot mal-qawwa komputazzjonali ta’ Gigafactories u se jipprovdi ambjent miftuħ biex isseħħ kollaborazzjoni xjentifika.

Azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni:

- It-tnedija ta’ konsultazzjoni pubblika u Sejħa għal Evidenza biex tidentifika l-prijoritajiet tal-partijiet ikkonċernati u tinforma l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA (9 ta’ April 2025);
- It-tnedija ta’ Sejħa għall-Evidenza u attivitajiet ta’ konsultazzjoni mmirati mal-komunità xjentifika biex tinforma l-Istrateġija dwar l-IA fix-Xjenza (Q2 tal-2025);
- L-organizzazzjoni ta’ djalogi strutturati mar-rappreżentanti tal-industrija u tas-settur pubbliku biex tidentifika riżultati tanġibbli u KPIs speċifiċi għas-settur relatati mal-IA u tinforma l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA (Q2-Q3 tal-2025);
- L-adattament tal-missjoni taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali biex tiżgura li jappoġġjaw bis-sħiħ l-adozzjoni ta’ soluzzjonijiet rilevanti tal-IA f’setturi strateġiċi (Q2-Q3 tal-2025);
- L-adozzjoni tal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA b’mod konġunt mal-Istrateġija dwar l-IA fix-Xjenza (Q3 tal-2025);
- L-adozzjoni tal-programm ta’ ħidma tar-R&Ż tal-Orizzont Ewropa 2026-2027, filwaqt li tkompli tagħti spinta lill-iżvilupp u lill-varar tal-IA/tal-IA ġenerattiva f’setturi strateġiċi (T4 tal-2025);
- Bħala parti mill-inizjattiva GenAI4EU, it-tnedija ta’ sejħiet minn Orizzont Ewropa u l-Programm Ewropa Diġitali – fis-saħħa, iċ-ċibersigurtà, l-enerġija, il-farmaċewtika/id-droga, il-komunikazzjoni elettronika, l-ajruspazju, ir-robotika, il-manifattura, is-settur pubbliku, ix-xjenza eċċ. – li jilhqun kważi EUR 700 miljun f’investiment (Q1 tal-2026);
- It-tnedija ta’ fażi pilota tar-RAISE, il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-IA (2026).

4. It-tisħiħ tal-ħiliet u t-talent tal-IA

Kif enfasizzat fl-**Unjoni tal-Ħiliet**³⁰, is-saħħa kompetittiva tal-Ewropa tinsab fil-poplu tagħha. Popolazzjoni b'ħiliet speċjalizzati hija essenzjali biex twieġeb għat-trasformazzjonijiet teknoloġiċi rapidi tal-lum u tiżgura l-prosperità u l-kompetittività futuri tal-UE. L-IA qed taffettwa dejjem aktar il-profil tal-impjeggi u s-settijiet ta' ħiliet tal-ħaddiema u taċ-ċittadini. Għalhekk, jeħtieġ li l-UE tindirizza kwalunkwe nuqqas ta' talent u spariġġ transsettorjali fil-ħiliet, f'konformità mal-għan tal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA. F'dan il-kuntest u f'konformità mal-oqsma³¹ ta' ħidma tal-Unjoni tal-Hiliet³², il-Kontinent tal-IA se jiffoka fuq miżuri biex titkabbar ir-riżerva tal-UE ta' speċjalisti tal-IA u biex il-ħaddiema u ċ-ċittadini tal-UE jittejjbu l-ħiliet u jitħarrġu mill-ġdid b'mod adegwat fl-użu tal-IA.

L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'bażi wiesgħa fil-qasam tal-IA jibda b'edukazzjoni u taħriġ inizjali ta' kwalità għolja u inklużivi. Il-**Pjan Direzzjonali tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali** u l-inizjattiva tiegħu tal-**IA fl-Edukazzjoni**³³, se jappoġġjaw l-iżvilupp tal-litteriżmu fl-IA għall-edukazzjoni primarja u sekondarja u jrawmu l-adozzjoni strateġika u etika tal-IA fl-edukazzjoni, inkluż permezz ta' appoġġ u bini tal-kapaċitajiet għall-għalliema u l-istituzzjonijiet edukattivi. Filwaqt li jibni fuq dan, u jikkontribwixxi għall-erba' fergħat ta' hidma³⁴ tal-Unjoni tal-Ħiliet u b'mod partikolari l-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM³⁵, il-Kontinent tal-IA se jiffoka fuq miżuri biex titkabbar ir-riżerva tal-UE ta' speċjalisti tal-IA u biex il-ħaddiema u ċ-ċittadini tal-UE jtejjbu l-ħiliet u jitħarrġu mill-ġdid b'mod adegwat fl-użu tal-IA.

4.1 Tkabbir tar-riżerva ta' speċjalisti tal-IA tal-UE

Jeħtieġ li l-UE tkabbar ir-riżerva tat-talent tal-IA tagħha sabiex tlaħħaq mad-domanda dejjem akbar għall-għarfien espert relatat mal-IA, speċjalment fir-rigward tal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet tal-IA u l-ħiliet speċifiċi għall-industrija³⁶. Il-Kummissjoni se tagħmel dan billi tiffoka fuq:

- l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' esperti tal-IA bbażati fl-UE;

³⁰ [Unjoni tal-Ħiliet - Kummissjoni Ewropea](#)

³¹ (1) il-bini ta' ħiliet għall-ħajja permezz ta' pedament edukattiv sod; (2) it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid biex jiġu żgurati ħiliet orjentati lejn il-futur; (3) iċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni ta' ħiliet biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku; (4) l-attrazzjoni u ż-żamma ta' ħiliet minn pajjiżi terzi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet u l-iżvilupp tal-aqwa talent fl-Ewropa.

³² u strateġiji ta' politika assoċjati, bħall-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM (COM/2025/89 final).

³³ Kif imħabbar fl-Unjoni tal-Ħiliet.

³⁴ (1) Il-bini ta' ħiliet għall-ħajja permezz ta' pedament edukattiv sod; (2) it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid biex jiġu żgurati ħiliet orjentati lejn il-futur; (3) iċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni ta' ħiliet biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku; (4) l-attrazzjoni u ż-żamma ta' ħiliet minn pajjiżi terzi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet u l-iżvilupp tal-aqwa talent fl-Ewropa.

³⁵ COM/2025/89 final

³⁶ LeADS, D1.3 Final ADS demand and forecast report, 2023.

- l-inċentivar tat-talent Ewropew fl-IA biex jibqa' u jirritorna lejn l-UE; u
- l-attrazzjoni u ż-żamma ta' talent tal-IA b'ħiliet minn pajjiżi mhux tal-UE, inklużi riċerkaturi.

Biex tikkomplementa l-**programmi edukattivi**³⁷ eżistenti u tħejji l-ġenerazzjoni li jmiss ta' esperti tal-IA fl-Ewropa, il-Kummissjoni se tappoġġja ż-żieda fil-forniment ġenerali ta' **lawrji tal-bachelorati u tal-masters tal-UE u programmi ta' PhD f'teknoloġiji ewlenin, inkluża l-IA**³⁸, kif ukoll torganizza fieri ta' studju virtwali u skemi ta' boroż ta' studju biex tippromwovi tali programmi. Azzjoni kruċjali f'dan il-kuntest se tkun it-tnedija tal-**Akkademja għall-Ħiliet fl-IA**³⁹, punt uniku ta' servizz li jipprovdi edukazzjoni u taħriġ dwar il-ħiliet relatati mal-iżvilupp u l-varar tal-IA, u b'mod partikolari l-IA ġenerattiva. Permezz tal-Akkademja, il-Kummissjoni se tmexxi wkoll programm ta' apprendistat fl-IA biex tħejji sensiela ta' speċjalisti tal-IA mħarrġa fuq proġetti tad-dinja reali u lesti biex (jergġhu) jidħlu fis-suq tax-xogħol tal-UE. Għal dan l-għan, huma ppjanati **skemi ta' ritorn**⁴⁰ għal professjonisti nisa. Barra minn hekk, biex jinħolqu aktar ċrieki virtwużi bejn l-akkademja u l-industrija, il-Kummissjoni se tiżviluppa **Kompetizzjonijiet Ewropej dwar il-Ħiliet Diġitali Avanzati**, li se jinvolvu liż-żgħażaġħ fil-ħolqien konġunt ta' soluzzjonijiet xprunati mill-IA għal sfidi soċjetali u industrijali ewlenin u jrawmu ħsieb kreattiv u innovattiv.

Flimkien mal-**Fabbriki tal-IA**, l-Akkademja għall-Ħiliet fl-IA⁴¹ se tkun importanti wkoll fl-ingranaġġ tal-eċċellenza fl-**edukazzjoni u r-riċerka dwar l-IA**⁴². L-Akkademja se tappoġġja **skemi ta' fellowship fl-IA**, li jippermettu lil kandidati tal-PhD b'ħiliet għolja tal-UE u mhux tal-UE kif ukoll lil professjonisti żgħażaġħ jgħixu barra mill-UE biex jaħdmu f'entitajiet ibbażati fl-UE. Il-fellowships tal-IA se jiżguraw li l-esperti tal-ogħla livell fl-IA ġenerattiva jkunu jistgħu jedukaw u jħarrġu lill-istudenti tal-Akkademja għall-Ħiliet fl-IA, filwaqt li javvanzaw ukoll ir-riċerka tagħhom stess fil-qasam. Għalhekk, l-Akkademja għall-Ħiliet fl-IA se **tiżviluppa lawrja pilota ffukata fuq l-IA ġenerattiva**⁴³. **Il-Fabbriki tal-IA**, min-naħa l-oħra, se jkunu kruċjali fil-ħolqien ta' ambjent dinamiku ħafna għar-riċerkaturi tal-ogħla livell u se jrawmu l-innovazzjoni u l-kollaborazzjoni fl-iżvilupp u l-varar ta' soluzzjonijiet tal-IA għal setturi strateġiċi.

³⁷ Inklużi inizjattivi bħall-alleanzi tal-[Universitajiet Ewropej tal-Erasmus +, in-Networks Dcotorali tal-MSCA](#) u dawk tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tiegħu.

³⁸ Jekk jogħġbok ara l-azzjonijiet fil-Programm ta' Ħidma tal-Ewropa Diġitali 2025-2027: [Work Programme 2025-2027 of the Digital Europe Programme \(DIGITAL\) | Shaping Europe's digital future](#)

³⁹ [EU Funding & Tenders Portal | EU Funding & Tenders Portal](#)

⁴⁰ Il-programmi ta' ritorn jappoġġjaw id-dħul mill-ġdid fil-forza tax-xogħol wara waqfa estiża fil-karriera, bħal pereżempju għal-leave tal-maternità. Dawn l-iskemi jikkomplementaw aktar inizjattivi tal-UE biex jattiraw aktar nisa u bniet lejn l-edukazzjoni u t-taħriġ dwar l-IA, inkluż il-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM.

⁴¹ L-Akkademja għall-Ħiliet fl-IA se teżamina l-kooperazzjoni ma' inizjattivi rilevanti oħra, eż. l-Alleanza Ewropea għall-Ħiliet tal-Intelliġenza Artifiċjali.

⁴² L-iżgurar tal-komplementarjetà u s-sinerġiji ma' inizjattivi rilevanti oħra, bħall-[Alleanza Ewropea għall-Ħiliet tal-Intelliġenza Artifiċjali](#) (ARISA, European Artificial Intelligence Skills Alliance).

⁴³ Dan se jikkomplementa sew l-isforzi tal-programm Erasmus+ biex jappoġġja approċċi innovattivi fl-użu ta' għodod ġenerattivi tal-IA fl-edukazzjoni (EdTech) u se jqis l-azzjonijiet rilevanti tal-Unjoni tal-Ħiliet, bħal-lawrja/it-tikketta Ewropea.

Biex tkompli tappoġġja l-wasla tal-aqwa kandidati u riċerkaturi tal-PhD, il-Kummissjoni se tiffoka fuq azzjonijiet biex tattira l-aqwa studenti u **riċerkaturi** (inkluż fis-settur tal-IA) **minn pajjiżi mhux tal-UE**. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tistabbilixxi miżuri fl-Istrateġija tal-Viża li jmiss biex ittejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istudanti u r-Riċerkaturi u d-**Direttiva dwar il-Karta Blu**, kif ukoll billi tippilota l-azzjoni **Marie Skłodowska-Curie tal-iskema “MSCA Choose Europe”**. Bħal fil-każ ta’ inizjattivi oħra tal-MSCA, dan il-proġett pilota se jkun miftuħ għall-oqsma kollha tar-riċerka, li jippermetti lill-istituzzjonijiet tar-riċerka bħall-universitajiet u l-infrastrutturi tar-riċerka jattiraw, jiżviluppaw u jżommu riċerkaturi internazzjonali eċċellenti tal-IA. Il-proġett pilota jikkofinanzja programmi ta’ reklutaġġ, li jippermettulhom jorbtu l-għotjiet tal-MSCA tagħhom ma’ prospetti fit-tul fl-istituzzjoni inklużi, pereżempju, kompetizzjonijiet għal pożizzjonijiet permanenti. Għandhu l-għan li jindirizza l-prekarjetà fil-karrieri fir-riċerka, jagħmel l-ekosistema Ewropea tar-R&Ż aktar attraenti u jsaħħaħ il-kapaċità tar-riċerka Ewropea fit-tul.

Fl-aħħar nett, filwaqt li tibni fuq il-qafas legali eżistenti tal-UE, il-Kummissjoni se tieħu azzjonijiet biex tappoġġja lill-Istati Membri u lill-impjegaturi biex **jattiraw u jżommu aktar ċittadini b’ħiliet għolja minn pajjiżi mhux tal-UE, inklużi esperti tal-IA**. Għodda ewlenija għal dan se tkun ir-Riżerva ta’ Talenti tal-UE futura, li għandha tiġi adottata malajr kemm jista’ jkun mill-koleġiżlaturi. Barra minn hekk, sal-2026, il-Kummissjoni se tnedi l-ewwel **Uffiċċji ta’ Gateway Legali b’Diversi Għanijiet** f’pajjiżi sħab ewlenin biex tagħti spinta lill-mobbiltà internazzjonali tal-forza tax-xogħol u l-iżvilupp tal-ħiliet bejn l-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab inkluż dwar l-ICT. Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ ukoll is-**Sħubijiet għat-Talenti** biex timmassimizza l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-iżvilupp tal-ħiliet f’setturi rilevanti għall-IA, bħall-ICT, settur ta’ prijorità ta’ erbgħa mill-ħames Sħubijiet għat-Talenti attwali.

4.2 It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol u tal-popolazzjoni tal-UE

Biex tappoġġja t-tixrid effettiv tal-IA madwar l-UE u tiżgura tranżizzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà usa’, il-Kummissjoni, f’kooperazzjoni mal-Istati Membri, jeħtieġ li tappoġġja t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-professjonisti fl-oqsma kollha u tal-popolazzjoni usa’ fl-użu tal-IA⁴⁴. F’dan il-kuntest, id-djalogu soċjali huwa kruċjali biex jiġu antiċipati u indirizzati l-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol u tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta’ teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol tal-Ewropa b’mod ġust u inklużiv.

Bl-għan li jiġi żgurat it-tagħlim kontinwu tal-ħaddiema (fl-SMEs, fil-mid-caps, fin-negozzji ġodda, kif ukoll f’organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku), il-Kummissjoni se tiddependi fuq in-network taċ-**Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali**, li se jżid il-ħiliet u s-servizzi ta’ taħriġ tagħhom, filwaqt li joffri korsijiet prattiċi dwar l-IA għal profili tekniċi u mhux tekniċi differenti u għal setturi speċifiċi. Il-Kummissjoni se tqajjem ukoll **sensibilizzazzjoni dwar il-**

⁴⁴ Fis-snin li ġejjin, 61 % tal-ħaddiema adulti se jkollhom bżonn ħiliet ġodda biex jindirizzaw l-impatt tal-IA fuq ix-xogħol tagħhom, iżda 15 % biss s’issa diġà rċevew taħriġ fl-użu tal-għodod tal-IA ([Cedefop, stħarriġ dwar il-ħiliet tal-IA, 2025](#)).

litteriżmu fl-IA⁴⁵ u trawwem djalogu dwar l-IA għal kulhadd⁴⁶, b’mod partikolari billi tippromwovi attivitajiet ta’ disseminazzjoni u billi żżomm repożitorju ta’ inizjattivi ta’ litteriżmu fl-IA implimentati minn organizzazzjonijiet tas-settur privat u pubbliku⁴⁷.

Azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni:

- L-appoġġ għaż-żieda fil-forniment ta’ lawrji ta’ baċcellerati u masters tal-UE kif ukoll PhDs li jiffukaw fuq teknoloġiji ewlenin, inkluża l-IA (Q2 tal-2025);
- It-tnedija tal-Akkademja għall-Ħiliet fl-IA (Q2 tal-2025), inkluż:
 - o Skemi ta’ fellowship tal-IA biex tattira kandidati tal-PhD tal-UE u mhux tal-UE, riċerkaturi u professjonisti żgħażaġh li jgħixu barra mill-pajjiż;
 - o (flimkien mal-Fabbriki tal-IA) lawrja ġenerattiva pilota ċċertifikata iffukata fuq l-IA biex tiffaċilita t-tagħlim u r-riċerka tal-ogħla livell tas-sħab fl-IA;
 - o programm pilota ta’ apprendistat tal-IA mal-industrija;
 - o skemi ta’ boroż ta’ studju u ta’ ritorn għal professjonisti nisa;
- L-organizzazzjoni ta’ Kompetizzjonijiet Avanzati tal-Ħiliet Diġitali f’teknoloġiji ewlenin, inkluża l-IA (Q2 tal-2025);
- L-għoti ta’ kontribut biex tattira u żżomm talent tal-IA b’ħiliet minn pajjiżi mhux tal-UE, inkluż permezz tal-iskema “MSCA Choose Europe” għar-riċerkaturi (Q4 tal-2025-2026);
- L-appoġġ għat-tagħlim kontinwu mill-ħaddiema fl-SMEs, il-mid-caps, in-negozji ġodda u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku maċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali (Q2 tal-2025);
- Il-promozzjoni tal-litteriżmu fl-IA permezz ta’ attivitajiet ta’ disseminazzjoni u repożitorju ta’ inizjattivi ta’ litteriżmu fl-IA (Q2 tal-2025);
- It-tnedija ta’ proġett pilota, li jingrana s-Sħubijiet għat-Talenti eżistenti u l-Uffiċċji ta’ Gateway Legali b’Diversi Għanijiet biex jippromwovi l-mobbiltà ta’ ħaddiema b’livell għoli ta’ ħiliet mhux tal-UE fis-settur tal-IA (Q4 tal-2025).

5. Trawwim tal-konformità regolatorja u s-simplifikazzjoni

Qafas regolatorju fattibbli u robust huwa kruċjali għall-ħolqien ta’ ambjent pożittiv u kompetittiv għall-kumpaniji tal-IA tal-UE biex jirnexxu u sabiex l-ekosistema tal-IA tal-UE tkun innovattiva. L-UE adottat l-Att dwar l-IA biex toħloq il-kundizzjonijiet għal suq uniku li jiffunzjona tajjeb għall-IA, filwaqt li tiżgura ċ-ċirkolazzjoni libera bejn il-fruntieri u

⁴⁵ Dan se jsir f’ allinjament ma’ attivitajiet paralleli, bħall-Pjan Direzzjonali tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali, l-inizjattiva tagħha dwar l-IA fl-edukazzjoni u l-aġġornament tal-Qafas ta’ Kompetenza Diġitali għaċ-ċittadini (DigComp 3.0), kollha mħabbra fl-Unjoni tal-Ħiliet.

⁴⁶ F’konformità mal-Att dwar l-IA, id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali u b’mod partikolari l-kunċett li ħadd ma jitħalla jibqa’ lura.

⁴⁷ Ir-repożitorju tnieda fil-kuntest tal-ħidma biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Att dwar l-IA u s’issa fih Prattiki miġbura fost l-organizzazzjoni tal-Patt dwar l-IA: [Repożitorju ħaj biex jitrawwem it-tagħlim u l-iskambju dwar il-litteriżmu fl-IA | Insawru l-futur dijitali tal-Ewropa](#).

kundizzjonijiet armonizzati għall-aċċess għas-suq tal-UE. Tiżgura wkoll li l-IA żviluppata u użata fl-Ewropa tkun sikura, tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tkun tal-ogħla kwalità – li jattira ferm lill-fornituri Ewropej – u tixpruna l-adozzjoni tal-IA. L-Att dwar l-IA jsegwi approċċ immirat u bbażat fuq ir-riskju, li jimponi rekwiżiti biss fuq applikazzjonijiet tal-IA b’riskju għoli. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Awwissu 2024 u qed jiddaħħal gradwalment b’applikazzjoni sħiħa sat-2 ta’ Awwissu 2027.

Is-suċċess tal-Att dwar l-IA se jiddependi primarjament fuq kemm ir-regoli tiegħu huma fattibbli fil-prattika. Il-fażi preparatorja attwali hija kruċjali biex tinkiseb **implimentazzjoni b’suċċess**. L-Istati Membri u l-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju għall-IA tagħha, iridu jżidu l-isforzi tagħhom biex jiffaċilitaw applikazzjoni bla xkiel u prevedibbli tal-Att dwar l-IA. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni qed tnedi s-**Service Desk tal-Att dwar l-IA**, li se jkun ċentru ta’ informazzjoni ċentrali dwar l-Att dwar l-IA, li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jitolbu l-għajjuna u jirċievu tweġibiet imfassla apposta. Din l-inizjattiva se tipprovdi aċċess sempliċi u mingħajr ħlas għall-informazzjoni u gwida dwar il-qafas regolatorju applikabbli, li se jaqdi b’mod partikolari l-ħtiġijiet ta’ fornituri u implimentaturi iżgħar ta’ soluzzjonijiet tal-IA. It-tweġibiet se jikkonsistu f’pariri prattiċi li se jgħinu biex wieħed jifhem u jikkonforma mal-Att dwar l-IA. Is-Service Desk tal-Att dwar l-IA se jiġi pprovdut minn tim iddedikat fl-Uffiċċju għall-IA. Dan se joffri pjattaforma interattiva fejn in-negozji u partijiet ikkonċernati oħra, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, se jkunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet, jiksbu tweġibiet u jkollhom aċċess għal għodod tekniċi biex jgħinuhom japplikaw l-Att dwar l-IA, eż. is-siġar tad-deċizzjonijiet u għodod oħra ta’ awtovalutazzjoni.

Is-Service Desk tal-Att dwar l-IA se jikkompleta l-ekosistema tal-UE ta’ appoġġ għall-partijiet ikkonċernati li tinkludi wkoll informazzjoni inizjali permezz taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali, u l-possibbiltà ta’ kooperazzjoni matul l-iżvilupp ta’ sistema tal-IA b’riskju għoli f’ambjent ta’ esperimentazzjoni regolatorja nazzjonali tal-IA. L-ambjenti ta’ esperimentazzjoni regolatorja għall-IA bħalissa qed jiġu stabbiliti fl-Istati Membri u se jkunu operazzjonali sa Awwissu 2026. Il-partijiet ikkonċernati diġà jistgħu wkoll jinvolvu ruħhom direttament mal-Uffiċċju għall-IA billi jipparteċipaw fil-**Patt dwar l-IA**⁴⁸, li jhegħgħom u jappoġġjahom – billi jikkondividu l-esperjenzi u l-għarfien – fl-ippjanar tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Att dwar l-IA. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni tal-Att dwar l-IA b’appoġġ għall-konformità. Dan jinkludi t-tnejn ta’ atti delegati u linji gwida ta’ implimentazzjoni, li jiffaċilitaw, pereżempju, l-applikazzjoni konsistenti tal-Att dwar l-IA mal-leġiżlazzjoni settorjali dwar il-prodotti, eż. ir-Regolament dwar l-Apparati Mediċi⁴⁹, u l-interazzjoni tiegħu ma’ dik ta’ leġiżlazzjoni relatata oħra⁵⁰. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tiffaċilita l-konformità billi tmexxi strumenti koregolatorji bħall-

⁴⁸ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/ai-pact>

⁴⁹ Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1–175).

⁵⁰ Eżempju r-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88).

iżvilupp ta' standards b'appoġġ għall-Att dwar l-IA u l-Kodiċi ta' Prattika dwar l-IA bi skop ġenerali⁵¹. Fid-dawl tar-rwol importanti li għandhom l-istandards biex inaqqsu l-kostijiet tal-konformità u jadvanzaw soluzzjonijiet effettivi, prattiċi u adottati b'mod wiesa', il-Kummissjoni se żżid l-azzjoni flimkien mal-organizzazzjonijiet responsabbli biex taċċellera l-iżvilupp tagħhom. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-**Bord għall-IA**⁵² tal-Istati Membri, li jassisti fl-għoti ta' gwida dwar l-applikazzjoni tal-Att dwar l-IA, inkluż fil-kuntest tal-**leġislazzjoni settorjali**.

Bħala l-pass li jmiss, il-Kummissjoni se tibni fuq it-tagħlimiet meħuda matul il-fażi ta' implimentazzjoni attwali u **tidentifika miżuri ulterjuri li huma meħtieġa biex tiġi ffaċilitata applikazzjoni bla xkiel, simplifikata u sempliċi tal-Att dwar l-IA**, b'mod partikolari għal kumpaniji iżgħar. Il-konsultazzjoni pubblika tal-Istrateġija għall-Aplikazzjoni tal-IA li tnediet flimkien ma' din il-Komunikazzjoni għalhekk tinkludi wkoll mistoqsijiet speċifiċi dwar l-isfidi fil-proċess ta' implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA, biex jiġi identifikat fejn l-inċertezza regulatorja qed tfixkel l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-IA u jiġi aċċertat kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jappoġġjaw aħjar lill-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA. Il-Kummissjoni se tqis ir-riżultati mill-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u se tipprova mudelli, gwida, webinars u korsijiet ta' taħriġ biex tissimplifika l-proċeduri u tiffaċilita l-konformità. Ir-riżultati ta' din il-konsultazzjoni pubblika se jikkontribwixxu wkoll għall-valutazzjoni usa' matul l-ewwel sena tal-mandat, ta' jekk l-acquis diġitali estiż, inkluż l-Att dwar l-IA, jirriflettix b'mod adegwat il-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet tan-negozji bħall-SMEs u l-midcaps żgħar, li jmorru lil hinn mill-gwida u l-istandards meħtieġa li jiffaċilitaw il-konformità⁵³.

L-Att dwar l-IA huwa leġislazzjoni orizzontali li toħloq suq uniku għal IA sikura u affidabbli fis-setturi u d-dominji kollha, inkluż l-infurzar tal-liġi, is-saħħa, il-makkinarju, it-tagħmir tar-radju, il-vetturi bil-mutur, is-servizzi finanzjarji u l-impjiegi. L-Att dwar l-IA se juża l-effett sħiħ tiegħu hekk kif jibda japplika progressivament matul is-sentejn li ġejjin⁵⁴. Peress li ċ-ċarezza hija kruċjali għall-innovazzjoni, il-Kummissjoni se tiżgura li l-miżuri ta' implimentazzjoni jkunu fis-seħħ fil-ħin għad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Att dwar l-IA. Peress li ċ-ċarezza hija kruċjali għall-innovazzjoni, il-Kummissjoni se tiżgura li l-miżuri ta' implimentazzjoni jkunu fis-seħħ fil-ħin għad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Att dwar l-IA. Fil-prinċipju, l-ewwel għandna niksbu esperjenza fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli orizzontali ġodda u nevalwaw l-effett tagħhom qabel ma tkun tista' tiġi meqjusa kwalunkwe leġislazzjoni ġdida possibbli dwar l-IA.

⁵¹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/ai-code-practice>

⁵² <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/ai-board>

⁵³ COM(2025)47 – Ewropa aktar sempliċi u aktar rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni

⁵⁴ L-Att dwar l-IA daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2024. Dan jibda japplika progressivament sat-2 ta' Awwissu 2027. Id-dispożizzjonijiet u l-projbizzjonijiet ġenerali bdew japplikaw fit-2 ta' Frar 2026, ir-regoli relatati mal-governanza u l-mudelli tal-IA bi skop ġenerali se japplikaw fit-2 ta' Awwissu 2025, l-applikazzjoni ġenerali, li tkopri r-regoli għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli, it-trasparenza u l-miżuri b'appoġġ għall-innovazzjoni, tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2026 u r-regoli għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli koperti mil-leġislazzjoni eżistenti dwar il-prodotti se japplikaw fit-2 ta' Awwissu 2027.

Azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni:

- It-tnedija ta' Uffiċċju ta' Servizz tal-Att dwar l-IA fl-Uffiċċju tal-UE għall-IA (Lulju 2025);
- It-tnedija, bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika tal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, ta' proċess biex jiġu identifikati l-isfidi regolatorji tal-partijiet ikkonċernati u jiġu infurmati miżuri ulterjuri possibbli biex jiġu ffaċilitati l-konformità u s-simplifikazzjoni possibbli tal-Att dwar l-IA (April 2025).

6. Konklużjoni

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kontinent tal-IA għandu l-għan li jagħti spinta u jaċċellera l-politiki tal-UE dwar l-IA billi **jinvesti f'infrastrutturi tal-computing tal-IA fuq skala kbira, itejjeb l-aċċess għad-data, jaċċellera l-adozzjoni tal-IA f'setturi strateġiċi tal-UE, isaħħaħ il-ħiliet u t-talent tal-IA, u jrawwem il-konformità u s-simplifikazzjoni regolatorji.** Biex jintlaħaq dan l-għan, l-istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet, il-kumpaniji, ir-riċerkaturi u l-iżviluppaturi jridu jaħdmu flimkien, filwaqt li jimpenjaw ruħhom għal sforz konġunt li jieħu l-kooperazzjoni f'livell ġdid. B'mod partikolari, l-Uffiċċju tal-UE għall-IA se jaħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri permezz tal-Bord għall-IA biex jiżgura approċċ ta' politika konsistenti, filwaqt li jqis l-iżviluppi teknoloġiċi dinamiċi.

L-involvement internazzjonali huwa parti integrali mill-istrateġija, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-pożizzjoni u l-influenza tal-UE fl-IA. L-UE tfittex – permezz ta' involviment bilaterali u multilaterali proattiv mal-pajjiżi sħab – li tmexxi l-isforzi globali dwar l-IA billi tappoġġja l-innovazzjoni, tiżgura l-fiduċja permezz ta' l-qugħ ta' protezzjoni, u tiżviluppa l-governanza globali dwar l-IA. Huwa kruċjali li l-UE tgħaqqad l-isforzi ma' sħab tal-istess fehma, pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, biex tippromwovi żvilupp tal-IA sikur, affidabbli u ċċentrat fuq il-bniedem f'fora multilaterali. L-UE se tesplora aktar il-potenzjal tas-sħubijiet diġitali u l-kooperazzjoni diġitali internazzjonali tagħha biex tippromwovi approċċ għall-IA li jtejjeb il-benesseri tal-bniedem u l-progress soċjetali. Il-komunikazzjoni li jmiss dwar **l-Istrateġija Internazzjonali għas-Sovranità, is-Sigurtà u d-Demokrazija Diġitali (Q2 tal-2025)** se tkompli tiddeskrivi l-approċċ internazzjonali tal-UE.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kontinent tal-IA jiġbor flimkien sett ta' inizjattivi mmirati biex jaċċelleraw l-azzjoni politika li hija meħtieġa biex l-Ewropa titqiegħed fuq quddiem nett tal-innovazzjoni fis-setturi tat-teknoloġija. Billi tinvesti f'oqsma ewlenin bħall-IA, il-computing kwantistiku, u t-fassil taċ-ċipep, l-Ewropa tista' ttejjeb il-produttività u l-kompetittività tagħha, tiżgura s-sovranità teknoloġika tagħha, u tipprovdi servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja liċ-ċittadini tagħha. **Din hija opportunità unika għall-Ewropa biex taġixxi malajr biex isawwar il-futur tal-IA u toħloq futur aħjar għall-Ewropej kollha, u fl-aħħar mill-aħħar issir Kontinent ewlieni tal-IA.**